# 180 SENA MIT-TWELID TAL-BORMLIŻ RIKKARDU TAYLOR (1818-1868)
## Għaġna ta' Reliġjożità u Didattiċiżmu

*Kitba ta' Mario Attard*

## PREMESSA

Tliet xhur oħra, jiġifieri fis-26 ta' Marzu 1998, il-kittieb Bormliż Rikkardu Taylor jagħlaq 180 sena minn mindu twieled ġewwa beltna. Fit-18 ta' Frar li ġej ukoll jaħbat il-130 sena mill-mewt tiegħu. Għalhekk, qiegħed nippreżenta din il-kitba biex nanticipa dan l-avveniment, bil-ħsieb li jgħinna nibnu sens ċiviku aħjar ta' Bormla u dak li jikkomponiha. Ta' min ikun jaf li mis-sena 1975, fuq wara ta' Triq l-Oratorju, hemm triq li twasslek ħdejn it-taraġ tal-Kunvent tas-Sorijiet Franġiskani u l-iskola primarja tagħhom. Din saret imsemmija għal Rikkardu Taylor. Dakinhar jien ukoll ħadt ħsieb li nikteb artiklu mdaqqas għal din l-okkażjoni.

## IL-ĦAJJA FIL-QOSOR TA' RIKKARDU TAYLOR

Meta nqabblu dak li kiteb Taylor fil-ħarġa 28 tal-ġurnal "Ġaħan" (skond kif Ġużè Gatt kiteb fl-istudju tiegħu "Richard Taylor - Wieħed mill-Bennejja tal-Malti" li deher f' "It-Torċa" tal-Ħadd, 6 ta' Settembru1970, paġna 9) u l-Karta tal-Magħmudija li kien ġabar Ġużè Cassar Pullicino mill-Arkivju tal-Kolleġġjata ta' Bormla (eżattament Lib. Baptiz., vol XII, p.311), insibu nuqqas ta' qbil fil-ġurnata tat-twelid. F' "Ġaħan" insibu mniżżel is-26 ta' Marzu 1818, filwaqt li fil-Karta tal-Magħmudija li ġabar il-folklorista Cassar Pullicino ġġib id-data tal-25 ta' Marzu 1818. Lil dawn iż-żewġ dati ma semmejthomx biex niżra' d-dubju, iżda biex nirreġistra l-istorja kif inhija.



Rikkardu Taylor

Missier Rikkardu Taylor kien jismu Ġużeppi, filwaqt li ommu Giovanna kien kunjomha Farrugia meta kienet xebba. Dawn kienu jieħdu interess ħafna f'binhom Rikkardu. Fil-fatt kien bis-saħħa tad-determinazzjoni u l-perseveranza tagħhom li Rikkardu ħareġ mill-fażi ta' għażż u ġiri 'l hawn u 'l hinn - ħwejjeġ li kienu jikkaratterizzaw lil tfulitu. U hekk, ta' disa' snin sar abbati u ddaħħal fl-iskola tas-Seminarju bħala riżultat ta' ħajra li wera għas-saċerdozju. Bħal bosta żgħażagħ, żogħżit Rikkardu Taylor kienet ikkaratterizzata mill-inċertezzi u t-tibdil. Il-ħajra fih għas-saċerdozju ċediet postha għas-safar. Wara żmien ibaħħar, tefa' l-ankri f'Malta. Kien f'dan il-perjodu li kibret fih il-ħajra għall-kitba bil-Malti. Bejn is-solitudni mnissla fih bil-mewt ta' ommu u missieru, bejn xi dejn li kellu ħtija ta' l-istampar u bejn li kien influwenzat minn min ried jaqtagħlu qalbu, Taylor ħalla kollox warajh u telaq lejn l-Eġittu fejn ħadem bħala pittur f'teatru. Lura f'Malta ttanta xortih fin-negozju tat-tabakk, u spiċċa minn taħt. Iddejjen ma' Cumbo l-istampatur u spiċċa fil-ħabs tal-midjunin fuq dejn

li kellu ma' dan l-istess stampatur. U biex il-borma tiegħu sserraħ fuq tliet saqajn bażwija, ħareġ il-qlib ta' ktieb li jeħodha kontra n-nisa. Lil dan it-tielet pass żmerċ li ħa Taylor jistqarru f'**L-Iskola tal-Bniedem**. Kif jistqarr bil-poeżija "Il-Ħajja u l-Vinturi ta' Ġaħan" miktuba bil-vers tal-ħamsa mżewweġ, ommu u missieru mietu ftit wara li beda jagħtiha għall-poeżija.

Dwar il-Karta tal-Magħmudija ta' Taylor baqgħalna xi ħaġa oħra x'niktbu. Rikkardu ma kienx l-ewwel isem tiegħu. Allura għaliex baqa' magħruf hekk? Kienet drawwa fi żmienu, u li kienet ilha ġejja minn żmien il-Kavallieri, li jsejħu lil dak li jkun mhux bl-ewwel isem li jitniżżel fir-reġistru tal-Magħmudijiet. Fil-fatt, Rikkardu kien it-tieni isem. Giovanni Battista kien l-ewwel isem li ngħatalu, filwaqt li Vincenzo kien it-tielet wieħed. Fiż-żwieġ xejn ma sab xorti. Iż-żwieġ ta' Rikkardu Taylor ma' Carmela Triganza seħħ wara li kien skonta żmienu fil-ħabs tal-midjunin.

## RIKKARDU TAYLOR GĦALLIEM TA' L-ILSNA

Bħala bniedem imħarreġ fl-ilsna, Rikkardu Taylor ta lezzjonijiet tal-Latin, tat-Taljan, tal-Franċiż u ta' l-Ingliż. Nistgħu ngħidu li kien jagħmel hekk biex ikun jista' jaqla' l-għajxa ta' kuljum. Fiż-żmien li fih Taylor kien joqgħod f'61, Triq Zekka, il-Belt Valletta, huwa fetaħ skola (eżattament f'Awissu 1844) fl-istess dar u li kienet issegwi l-istil Ingliż. Lil din l-iskola Taylor taha żewġ orarji mit-Tnejn sal-Ġimgħa bi ħlas ta' tmintax irbiegħi (12c5 tagħna) kull orarju: waħda mal-jum u sagħtejn oħra ma' l-Ave Marija għal kull min ried jitgħallem iżda ma kienx ikun jista' ħlief fil-għaxija. Is-Sibt kien jgħallem id-Duttrina u seta' jmur min irid.

Bil-ħsieb li jilħaq kemm jista' mill-massa tal-Maltin u Għawdxin ta' żmienu, Rikkardu Taylor stampa f'Ċipru fl-1844 it-**Taħriġ u Taħdit bit-Taljan, Ingliż u Malti - Taħdidiet Familjari għall-Iskejjel**. B'dan il-ktieb, li kien l-ewwel fil-għamla tal-preżentazzjoni tiegħu, Rikkardu Taylor fetaħ għall-ewwel darba *medium* ġdid ta' kif it-tagħlim stampat seta' jinfirex fil-preżentazzjoni tiegħu.

Min-naħa l-oħra, meta fl-istess sena, jiġifieri fl-1844, stampa **Tagħlim bil-Malti tal-Grammatika Taljana għall-Ħtieġa tal-Maltin**, Taylor ippreżenta format li fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta kien komuni. Fi kliem ieħor, peress li l-Ordni kienet stabbilita f'pajjiżna, kienu joħorġu kotba tal-grammatika Maltija miktubin bl-ilsna tal-Kavallieri.

## RIKKARDU TAYLOR ĠURNALISTA

Rikkardu Taylor kien editur tal-ġurnal "Ġaħan". B'kollox ħareġ 46 għadd, bl-aħħar wieħed joħroġ fit-18 ta' Jannar 1849. Ġużè Cassar Pullicino f' "Dawl Ġdid fil-Poeżija ta' Rikkardu Taylor" f'paġna 115 ta' **Kitba w Kittieba tal-Malti**, jikteb li Taylor kellu x'jaqsam ma' ftit ħarġiet oħra ta' "Ġaħan" li dehru bejn is-snin 1854-1861. Fil-ġurnali li kien imexxi huwa stess, Taylor kien jara strument li bih jattakka lil min kien attakkah. Fil-fatt, dan il-ġurnal wasslu biex ikun imwaħħal tmien xhur ħabs wara li nstab ħati f'żewġ libelli li kien għamillu Wiġi Preziosi. Din is-sentenza kienet il-ħtieja li waqqfet lil "Ġaħan" milli jkompli jixxandar.

Minbarra "Ġaħan", insibu lil Rikkardu Taylor joħrog "Ix-Xitan iz-Zopp" li beda jikteb mis-6 ta' Frar 1864. Bil-ħila fis-sengħa tal-kitba li wera f'danil-qasam ġurnalistiku, Taylor seraq il-ħars u ġibed il-għira. Frott ta' hekk kien hemm talin li serqulu mill-kitba stampata tiegħu. Kif kien għamel qabel, Taylor inqeda bil-ġurnal tiegħu u attakka lil kull min seraqlu minn kitbietu. Dawn l-attakki nsibuhom fis-seba' ħarġa li dehret fis-6 ta' April 1864.

F'Mejju 1864 Taylor beda jieħu ħsieb ta' "Il Giurnal Malti" wara li kien spiċċa minn "Ix-Xitan iz-Zopp". Il-ġurnal il-ġdid dam joħroġ sa Awissu 1865.

"Is-Serduk" kien l-aħħar ġurnal (jew folju) li ħareġ fl-1867 u kien iġib l-inizjali R.T. Rikkardu Taylor kellu x'jaqsam ukoll ma' "Il-Ħatar" li deher bejn nofs Ottubru u l-aħħar jum tas-sena 1850, u ma' "L-Għassies" aktarx fl-1855.

## JAGĦMEL L-GĦEDEWWA

Il-pubblikazzjoni ta' **L-Iskoll tal-Bniedem** ġâbitlu l-inkwiet ma' l-istampatur għax bejniethom ma qablux fuq il-ħlas ta' l-istampar. Ġużè Gatt jikteb f'paġna 9 ta' "Il-Berqa" tat-22 ta' Mejju 1939 illi Taylor ta lill-istampatur 100 skud kif ftiehmu qabel il-pubblikazzjoni tal-ktieb imsemmi, filwaqt li l-istampatur stenna 20 skud iżjed. Baqa' ma ntlaħaqx ftehim bejniethom u spiċċaw il-Qorti. B'riżultat ta' hekk, Taylor intefa' fil-ħabs tal-midjunin.

Minbarra l-għadu maħluq permezz ta' l-istampar, Rikkardu Taylor għamel għedewwa oħra, din id-darba permezz tal-ġurnaliżmu.

Fl-1847 Taylor mar joqgħod il-Kalkara. Dan kien żmien li fih beda jagħtiha għall-ġurnaliżmu ( u allura għall-politika). Kien beda miexi f'din it-triq bil-ħruġ tal-"Ġaħan". Ġużè Gatt, li jiena nqisu bħala l-bniedem fost l-iktar (jekk mhux l-iktar ukoll) li rsistew ħalli Rikkardu Taylor ma jintesiex, jagħtina kaž partikulari f' "Il-Berqa" tat-23 ta' Mejju 1939, fid-disa' faċċata.

Wara li kien ilu sena joħroġ "Il-Ġaħam", fettillu jistampa poeżija b'karikatura kollettiva marbutin it-tnejn ma' l-infern. Fl-istampa Ġaħan huwa mistieden mix-xjaten biex jissieħeb magħhom ħalli jagħmlu festa bil-laħam mixwi tal-bnedmin. Fost dawk impinġija kien hemm min kien għadu ħaj! Wieħed mill-uċuh li kien jixxiebah mal-'mixwijin' kien ta' ċertu Dun Lawrenz Vella, li kien għadu frisk fil-mewta tiegħu. Iżda lil dan kollu Taylor ċaħdu bil-qawwa kollha. L-istampar ta' dan ix-xogħol wassal biex Rikkardu Taylor ikun attakkat u msawwat. "Fil-għodwa tat-8 ta' Settembru 1847, waqt li kien għaddej mis-Suq il-Qadim ta' Bormla, marru fuqu tnejn minn nies għal għarrieda, u bdew jagħtuh bi bsaten u ponnijiet bla ħniena. Barra milli darbuh sewwa f'moħħu b'dawn id-daqqiet, wieħed minnhom gidmu wkoll f'sebgħu." ("Il-Berqa" tat-22.5.1939, p.9).

Kienu ħabtu għalih Lwiġi dei Konti Preziosi u Ninu Frendo, għax qalu li Taylor daħħal fil-borma lill-qassis imsemmi 'l fuq. Dawn iż-żewġt irġiel kienu mħarrka, ittellgħu l-qorti u Preziosi weħel tmint ijiem ħabs u lira u ħames xelini, filwaqt li Frendo weħel sitt ijiem ħabs u lira.

IL-BIĊĊA MA WAQFITX HAWNHEKK. PREZIOSI BEDA JOĦROĠ ĠURNAL (JEW FOLJU) BIEX JATTAKKA LIL "ĠAĦAN" TA' TAYLOR. DAN IL-ĠURNAL ĠDID KIEN JISMU "FLAĠELL LIL ĠAĦAN". U DIN KIENET LIXKA TA' DR PREZIOSI LI TAYLOR FL-AĦĦAR WAQA' FIHA, BILLI TILEF RASU. TAYLOR STAMPA KITBA KONTRA DAN IT-TABIB U DAN TA' L-AĦĦAR GĦAMILLU LIBELL. BĦALA RIŻULTAT TAT-TELF TA' DAN IL-LIBELL, FL-14 TA' FRAR 1848 TAYLOR WEĦEL TMIEN XHUR ĦABS, U SETA' JĦALLAS SA SITTA MINNHOM B'SITTAX-IL LIRA. B'HEKK KELLU JIEQAF IL-ĦRUĠ TAL-"ĠAĦAN".

## MEWTA TAL-MINSIJIN

Fl-aħħar żmien ta' ħajtu jingħad li Rikkardu Taylor taha għax-xorb. Huwa kien joqgħod il-Birgu. Ġużè Gatt jgħarrafna f' "It-Torċa" tat-8 ta' Novembru 1970, pagna

8, li aktarx li Taylor spiċċa mwarrab u minsi minn kulħadd, aktar u aktar meta martu kienet ilha li mietet. Jista' jkun li spiċċa magħluq fid-Dar tax-Xjuħ. L-Att tal-Mewt Nru 560 ta' l-1868 mir-Reġistru Pubbliku jikkonferma li Taylor miet fl-Isptar Ċentrali tal-Furjana (fejn illum hemm id-Depot tal-Pulizija) fit-18 ta' Frar 1868. Kellu 50 sena u ndifen fiċ-ċimiterju tal-Pietà.

## BORMLA FIL-PINNA TA' TAYLOR

Bil-ħsieb li nduqu bil-prattika mill-frott li ħareġ mill-pinna ta' Rikkardu Taylor, sejjer inġib tliet biċċiet xogħlijiet letterarji li kiteb dan l-awtur mill-Karabuża (il-psewdonimu mogħti lil Bormla fid-dinja umoristika ta' dak iż-żmien). Dawn il-kitbiet juru kemm Rikkardu Taylor kellu għal qalbu lill-festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni kif ukoll lil Bormla. Fil-fatt l-ewwel sejrin naqraw rendikont tal-festa tal-Kunċizzjoni li saret fil-parroċċa ta' Bormla fis-sena 1864. Fl-aħħar parti ta' dan ix-xogħol l-awtur Bormliż josserva l-għadd ta' sunetti li qabblulha lill-Madonna, u magħhom ried jingħaqad Taylor innifsu b'poeżija bi tnax-il kwartina li semmiha **Tifkira**. It-tielet u l-aħħar xogħol li kiteb Rikkardu Taylor jorbotna mal-Milied. Immela Diċembru fil-kalendarju tagħna l-Insara jiġbor fih tnejn mill-akbar festi tal-Kristjaneżmu: l-Immakulata Kunċizzjoni li tolqot lilna l-Bormliżi fil-laħam il-ħaj, u l-Milied. Ghalhekk sejrin insibu tmintax-il kwartina bħala tifkira u tifħira fl-istess waqt taċ-ċelebrazzjoni tal-Milied li saret fil-parroċċa ta' Bormla nhar il-15 ta' Diċembru 1864. Il-Malti qiegħed naqilbu għall-grammatika tagħna tal-lum għall-konsistenza.

## IL-FESTA TAL-KUNĊIZZJONI IMMAKULATA FIL-KNISJA TITULAR TAGĦHA TAL-BELT COSPICUA 8 TA' DIĊEMBRU 1864

Mhux ta' bil-ħaqq, li mhux sena aktar mill-oħra jfaħħru l-Kospikwani 'l-Immakulata Kunċizzjoni bl-akbar pompa u żina li ma bħalha, li biex ngħidu hekka, għalkemm ma ġġibx għira mal-Knejjes ta' Malta kollha, in kwantu għall-apparat, għaż-żina illi dak it-tempju kien l-istess bħala ġenna, li ma tixbax minn ġo fih, kollox f'għajnejk jgħammex bħala dija, illi nieżla mis-smewwiet, għal dik il-qima u venerazzjoni illi għandhom GHALIHA!! Lejlietha s-soltu fil-għodu kien it-*Te Deum* sollenni bi kbira kwantità ta' xemgħa ma' l-Immaġini Immakulata, tant kwantità li ma fihx għadd. Wara nofsinhar is-soltu bdiet il-kbira orkestra ta' l-immortali V. Bugeja, għad li huwa miet, iżda l-karti tiegħu ma jmutu qatt u qatt! F'qasir kliem it-translazzjoni s-soltu sollennissima bl-antifona l-ġdida li kien kiteb l-aħħar, imbagħad beda l-għasar. Hawn l-aħwa Maltin, diffiċli nfissru l-maestożità ta' dik l-orkestra, kant illi tisimgħu kemm tisimgħu dejjem ġdid! Saħansitra wasal it-*Tantum Ergo* hawn ma hemmx bżonn min ifisser x'jiġifieri kant devot, illi jġagħlek toqgħod għarkubbtejk tadura 'l Alla tiegħek. Is-soltu kif jaf kulħadd illi l-*matutin* hemm isir dejjem iżjed sollenni minn ta' kullimkien. In-nies sadattant bi ħrara tistenna



Il-Kunċizzjoni armata fuq il-pedestall l-antik kif ukoll il-mant qabel dan li għandna llum.

illi tibda l-quddiesa, kif kulħadd jaf, jekk Bugeja lil kulħadd iservi tajjeb, hemm intant jippreferih - f'qasir kliem in-nies tisma' dak il-*kyrie* li jġiblek devozzjoni. Iżda ah x'nota ta' *gloria* għamlilhom, illi kulħadd sodisfatt u ferħan kważi bid-dmugħ f'għajnejh! Sunetti ta' bosta devoti bravi li kitbulha għad-devozzjoni, fost l-oħrajn tal-bravu Gius. Ruggiero Busuttil unur tal-Gżira, u fl-aħħarnett il-kuruna tal-festa x'inhi? Il-paneġierku illi rreċtah bil-Taljan Padre Regente Cilia, Agostinjan, ta' għaref li hu, kif bosta u bosta baqgħu mgħaġġba. Wara nofsinhar is-soltu għasar sollenni u l-preparazzjoni fis għall-purċissjoni, ma' numru innumerabbli ta' nies li titgħaxxaq b'dik l-allegrezza u d-devozzjoni! It-triqat kollha kienu ppreparati, sa palk a gass għad-daqqaqa tar-reġimenti. Fuq mat-triq ta' San Pawl il-banda tar-Reġiment 4 li marru divinament, kulħadd imgħaxxaq jismagħha - in-nies tiġi, issib fis-Suq il-Qadim fuq palk ieħor li żżejjen pjazza, il-banda tar-Reġiment 100, u din ukoll ma nsemmu xejn ħarġet b'foħrija li ma bħalha! Titla' fuq il-Misraħ ta' Santa Margerita tara l-palk tal-gass li semmejna qabel, u l-mixegħla tiegħu għaġġbet lil kulħadd, bħalma għaġġbet ukoll il-banda tar-Reġiment 8, kulħadd jagħtiha l-akbar prosit! Dana barra minn baned oħrajn pajżani, illi wkoll taw sodisfazzjon.

Bormla kollha kienet iffjorita bil-bandieri, trofej ta' gosti l-aktar delikati, arkijiet żgħar ben messi u bis-sengħa, insomma ma kienx hemm ħaġa li ma kenitx addattata, anzi kienu jagħmlu wisq iżjed li l-istaġun mhux ta' min jafdah, għax kull spiża li jagħmlu tistgħu tgħidu illi dejjem għalxejn.

Il-purċissjoni kienet mill-isbaħ, il-baned reġgħu daqqew l-istess, iżda tan-numru 4 fil-purċissjoni ħdejn il-palk tar-Reġiment 8, u l-ħlejjaq ta' nies kienu xi ħaġa partikulari. Il-purċissjoni daħlet, dak it-Tempju donnu ġenna, għax ma hemmx ħaġa li tfittex u ma ssibx, in-nies bid-devozzjoni kollha baqgħu għat-*Tantum Ergo*, ma hemmx bżonn intennu x'inhu Bugeja, biss il-mużika tiegħu tismagħha kemm tismagħha dejjem ġdida fil-widnejn, l-istess daqs l-ikbar opri! Il-festa sbrigat (spiċċat), Sunetti kellhom, mela aħna wkoll debbolment nagħmlulha wieħed bil-Malti għas-sodisfazzjon tal-Maltin kollha.

Tajjeb wieħed ikun jaf hawnhekk illi dawn il-kitbiet jiena qiegħed neħodhom mill-gazzetta li tagħha Rikkardu Taylor, u min qara iktar 'il fuq jaf x'qiegħed nikteb, kien l-editur. Qiegħed nirreferi għal "Il Giurnal Malti" ta' l-10 ta' Diċembru 1864. Il-kitba li ġibna sa issa kienet tinsab fil-faċċati 3 u 4. Dan il-ġurnal kien joħroġ tliet darbiet fix-xahar - kull 10, 20 u 30 jum tax-xahar. Kienu jitħallsu tliet xelini kull tliet xhur. Is-sħubija kienet issir fl-Uffiċċju tat-Tipografia Anglo-Maltese, Vicolo Teatro, 94. Kull ħarġa kienet tinbiegħ sitt soldi mill-ħwienet.

Issa mmorru mill-ġdid għall-istess ħarġa ta' "Il Giurnal Malti" u mir-raba' faċċata nġibu s-sunett li Rikkardu Taylor semma fl-aħħar tar-rapportaġġ tal-festa tal-Kunċizzjoni ta' l-1864.



L-Istatwa fl-antik qabel ma ġiet miksija bil-fidda.